# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 27 ta' Ottubru 2022**

Appell numru 486/2017

**Il-Pulizija**
**vs.**
**John Junior PACE**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-16 ta' Novembru 2017 kontra John Junior PACE (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 530195M) li ġie ddenunzjat ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta talli naqas milli joqgħod għall-ħtiġijiet ta' ordni ta' probation u s-sentenza mogħtija fit-12 ta' Mejju 2015.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), wara li rat l-artikoli 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta'

Malta, sabet lil John Junior PACE ħati li ma qagħadx għall-ħtiġijiet tal-ordni tal-probation u għażlet li titratta miegħu għar-reati li tagħhom instab ħati fit-12 ta' Mejju 2015 u kkundannatu għal sittax -il xahar priġunerija.

## C. **L-APPELL INTERPOST**

3. Illi PACE appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lil John Junior PACE għall-piena ta' sittax -il xahar priġunerija u minflok tikkundannah għal piena riformattiva li hija aktar ġusta u ekwa fiċ-ċirkostanzi, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

   i. Il-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hija manifestament iebsa meta mqabbla maċ-ċirkostanzi personali u soċjali tal-appellant. Illi bid-dovut rispett jiġi sottomess li sittax -il xahar priġunerija ma tantx jistgħu jikkontribwixxu lejn it-tkomplija tat-triq it-tajba li l-appellant qabad, anzi hemm il-potenzjalita' qawwija li jtellfu x-xogħol siewi kollu li sar sa issa mill-appellant. Illi jingħad ukoll li l-appellant għandu impjieg fiss u s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati se jkollha l-effett li ttellifhulu. Irid jingħad li n-nuqqas ta' obbedjenza tal-appellant mal-ordnijiet tal-probation officer mhumhiex ir-riżultat ta' spavalderija da parti tal-appellant iżda huma riżultat ta' biża li ġiet fuq l-appellant li se jitlef dak kollu li hu għall-qalbu għalih hekk kif id-dar li trabba fiha twaqqgħet minħabba żvilupp.
   ii. Illi finalment jiġi sottomess li jkun ferm ta' ġid għall-appellant jekk il-perjodu tal-probation – li del resto jiskadi f'Mejju 2018 – jiġi estiż sabiex l-appellant ikun jista' jerġa' jkompli fit-triq it-tajba li qabad.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi fit-12 ta' Mejju 2015, l-appellant PACE tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mixli talli kkometta diversi serqiet nhar id-9 ta' April 2015 matul il-lejl ġewwa l-Gżira u assoċja ruħu ma' persuna oħra bil-għan li jagħmel dan id-delitt ta' serq u dakinhar stess huwa ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. L-imputat appellant ingħata ż-żmien sabiex jikkunsidra din l-ammissjoni iżda hu reġa' tennieha. Saret trattazzjoni dwar il-piena u ngħatat sentenza fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, poġġietu

taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment.

5. Illi fit-22 ta' Jannar 2016, l-uffiċjal tal-probation Anabel Bugeja li kienet qiegħda ssegwi lill-appellant b'rabta mas-sentenza li ngħatat nhar it-12 ta' Mejju 2015, għamlet denunzja fil-konfront tal-appellant minħabba li ma kienx qiegħed iżomm mad-direttivi mogħtija lilu mill-istess u ma kienx qiegħed iżomm f'kuntatt magħha.

6. Illi in segwitu għal din id-denunzja, fis-7 ta' Marzu 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil PACE ħati talli naqas milli jħares il-kundizzjonijiet tal-ordni tal-probation mogħti fit-12 ta' Mejju 2015 u kkundannatu ammenda ta' Ewro 100 li kellha titħallas fi żmien sitt xhur u dan mingħajr preġudizzju għaż-żamma fis-seħħ tal-ordni tal-probation diġa mogħtija.

7. Illi mbagħad, fis-27 ta' Ottubru 2017, l-appellant reġa' ġie ddenunzjat mill-istess uffiċjal tal-probation Anabel Bugeja u dan għall-istess raġunijiet ta' qabel kif ukoll għaliex kien qiegħed jonqos milli joqgħod mad-direttivi sabiex huwa jindirizza l-problema tar-rabja. Sussegwentement nhar is-16 ta' Novembru 2017 ingħatat sentenza fil-konfront tal-appellant fejn il-Qorti għażlet li titratta miegħu għar-reati li tagħhom kien instab ħati fuq ammissjoni tiegħu nhar it-12 ta' Mejju 2015 u kkundannatu sittax-il xahar priġunerija.

## Ikkunsidrat

8. Skont l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, meta jiġi ppruvat a sodisfazzjon tal-Qorti li l-persuna li tkun qiegħda taħt ordni ta' probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-istess, tonqos milli toqgħod ma' xi kundizzjoni minn dawk elenkati fl-ordni ta' probation li tkun inħarġet fil-konfront tagħha, allura l-Qorti tal-Maġistrati (f'dan il-każ) jkollha d-diskrezzjoni li jew:

i. Iżomm l-ordni ta' probation fis-seħħ u timponi fuq il-ħati ammenda ta' mhux iżjed minn Ewro 232.94; jew

ii. Titratta mal-ħati għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja b'kull mod daqslikieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-Qorti għal dak ir-reat.

9. Kif diġa' ġie rilevat iktar 'il fuq, l-imputat appellant ġie ddenunzjat darbtejn bil-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation maħruġa fil-konfront tiegħu nhar it-12 ta' Mejju 2015 u kien biss riżultat ta' din it-tieni denunzja li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-16 ta' Novembru 2017 għażlet illi titratta miegħu dwar ir-reati li kien ammetta għalihom fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2015. Biss, din il-Qorti rat li l-aħħar rapport li kien sar b'rabta ma' din it-tieni denunzja kif spjegat kien fit-13 ta' Jannar 2017 u għalhekk ben ħames snin qabel is-smiegħ tal-appell li l-appellant intavola bil-lanjanza prinċipali tkun il-kwantita' ta' piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif intqal.

10. Kien għalhekk li din l-istess Qorti ordnat lill-Uffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja li kienet ilha ssegwi l-andament tal-appellant matul is-snin, sabiex tixhed fuq il-kundizzjoni attwali tal-appellant inkluż fuq jekk kienx hemm xi kambjamenti il-ħajja tiegħu li din il-Qorti jeħtieġ li tkun infurmata bihom.

10. Illi fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Ġunju 2022, l-Uffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja xehdet fis-sens li l-appellant illum il-ġurnata għamel kambjament rilevanti fil-ħajja tiegħu. L-Uffiċjal tal-Probation irrikonoxxiet li fil-passat l-appellant wera attitudni negattiva anki mal-awtorita' tal-Qorti u kien għalhekk ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-16 ta' Novembru 2017 ħasset il-ħtieġa li tħassar l-ordni tal-probation li kienet ingħatat fit-12 ta' Mejju 2015 u minflok titratta mal-imputat għar-reati li tagħhom kien instab ħati. L-Uffiċjal tal-Probation xehdet:

> Fil-prezent jista' jinghad illi hu qed jadotta stil ta' hajja li huwa stabbli, qed jahdem, ix-xoghol huwa full-time, huwa regolarizzat, hemm commitment f'dan ix-xoghol, jinsab f'relazzjoni u fil-prezentement anke qed jghix mal-familja, tal-gharusa tieghu.

11. L-Uffiċjal tal-Probation tkelmet ukoll fuq id-distinzjoni bejn dak li kien komportament u attitudni tal-appellant 'fiż-żmien' u l-attitudni tiegħu preżentement fejn jikkomunika u jikkopera ħafna mal-professjonisti sabiex jindirizza dawk il-problemi anki psikoloġiċi li affetwawh b'mod ħażin f'ħajtu:

AB : Mas-psychologist, ma Dr Chantal Averino. Dejjem kienet wahda tajba u ta' rispett, wahda pozittiva relazzjoni, jien rwol tieghi u wiehed differenti, l-ufficjal tal-probation. Fil-bidu nista' nghid li s-sur Pace lura fl-2015, gie ghandna bhala tifel, tifel mimli rabja kienet ukoll difficli ghalijja li nibni relazzjoni izda ma domniex ma bdejna relazzjoni, once illi hu kellu l-,once illi jiena aktar aktar korretta, kelli l-fiducja tieghu, dejjem wera rispett dejjem weraedukazzjoni mieghi, u dejjem u dejjem u sessjonijiet saru b'mod kawt.

AG : Ovvjament qed titkellem minn wara li saret l-ahhar denunzja l'hawn sa meta saret id- denunzja kien hemm certu kwistjonijiet li kienu ghadhom li jridu jigu ndirizzati.

AB : Le anke qabel li saret id-denunzja gifieri d-denunzja ma saritx minhabba l-problema tal-attitudni. Id-denunzja saret minhabba li ma kinitx qed jimxi mal-pjan ta' kura ta' dak iz-zmien. Pero` lejja b'mod professjonali bhala professjonista ehe eventwalment dejjem urini rispett u anke mal-psikologa.

## Ikkunsidrat

12. Illi huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment
awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when
taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach.
It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with

sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."

Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

13. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena.

14. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal- piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta.

Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :
a. għall-offiża in kwistjoni u
a. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

15. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il- ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

17. Magħdud dan kollu, din il-Qorti tqis li meta jittieħed kont tal-fatt li skont dak li rriżulta lill-Uffiċjal tal-Probation l-appellant illum il-ġurnata qabad triq differenti ħafna minn dik li kien fiha fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reat, ma jkunx għaqli li għal dak l-iżball li seħħ għadd ta' snin ilu, l-appellant jingħata piena li ttelfu l-istabbilita' li huwa rnexxilu jakkwista, bi sforz konsiderevoli u frott l-għinuna li ngħata mill-professjonisti li ħadmu miegħu. Ċertament il-piena karċerarja li ġiet inflitta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fiż-żmien li ingħatatlu kienet waħda li ma jistax

jingħad li kienet żbaljata fil-prinċipju jew li kienet manifestament eċċessiva. Kienet piena li setgħet tingħata u li kellha tingħata fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li l-appellant kien fihom dak iż-żmien. B'hekk mill-lat retributtiv din il-piena kienet waħda legali u ġusta. Iżda maż-żmien irriżulta li l-appellant għamel sforz riformattiv u riabilitattiv li qiegħed iħalli l-frott f'ħajja li ġiet deskritta iżjed stabbli kemm fuq livell ta' xogħol kif ukoll fuq livell personali. Dan l-aspett riformattiv u riabilitattiv li intraprenda l-appellant għandu jibqa' jiġi inkoraġġit in kwantu din il-Qorti trid tinċentiva lil min ikun qiegħed jagħmel sforz li jirriżulta ġenwin u li jkun qiegħed iħalli l-frott biex jinfatam minn ħajja ta' kriminalita.

18. Biss l-appellant ma jridx imur bl-idea li għemilu huwa maħruf u minsi. Xejn affattu. Is-sentenza li din il-Qorti sejra timponi b'reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hija tali li żżommu taħt il-lenti billi tpoġġi fuqu issa l-piż tad-deċiżjonijiet li jieħu. B'hekk jekk huwa jrid jibqa' jgħix ħajtu b'mod stabbli, u rispettuż tal-Liġi, huwa qed jingħata l-opportunita li jimxi l-quddiem u jimraħ mingħajr konsegwenzi serji. Iżda mill-banda l-oħra din is-sentenza qegħda tpoġġi fuqu wkoll it-toqol tal-piż li bih, jekk huwa jerġa lura għal ħajja ta' instabbilita jew kriminalita ikun hu stess qiegħed jiffirma s-sentenza tal-ħabs li jkun imbagħad irid iservi.

18. Din il-Qorti tirrileva illi l-ordni ta' probation li ngħatat nhar it-12 ta' Mejju 2015 kienet ġiet revokata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-16 ta' Novembru 2017 u għalhekk kien għad fadal perjodu operattiv ta' sitt xhur biex b'hekk tkun ingħatat fil-massimu għal tlett snin skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

# DECIDE

**Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tilqa' l-appell tal-appellant, tħassar is-sentenza appellata ta' nhar is-16 ta' Novembru 2017 fejn din iddeċidiet li titratta mal-imputat appellant għar-reati li tagħhom huwa kien ammetta nhar it-12 ta' Mejju 2015 u fejn ikkundannatu għall-piena ta' sittax il-xahar**

**priġunerija u minflok tikkundannah għal ammenda ta' mitejn euro (€200) li għandha titħallas fi żmien sitt xhur millum u dan mingħajr preġudizzju għaż-żamma fis-seħħ tal-ordni tal-probation diġa mogħtija sal-iskadenza tal-perjodu ta' probation li kien impost oriġinarjament fuqu qabel ma din l-ordni ġiet revokata bis-saħħa tas-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**